# IL-PITTUR TUSE' BUSUTTIL

*(Minn Manwel Zammit - Zejtun, restawratur)*

Il-Pittur Busuttil li llum huwa mejjet, kien wieħed mill-pitturi anzjani ta' gżiritna. Il-karriera artistika tiegħu bdiet kmieni ħafna. Fil-fatt meta kien għadu ta' eta' żgħira nsibuħ jgħin lis-surmast anzjan tiegħu Lazzru Pisani fit-tqegħid tal-Pittura tas-saqaf tal-Knisja tan-Nadur. Il-Pittur Lazzru Pisani, meta wasal f'eta' kbira, x-xogħol li kellu fdaħ f'idejn Tuse' Busuttil.

Tuse' Busuttil studja d-disinn u l-pittura ġewwa Ruma fejn dam erba' snin. Huwa ngħata bosta ċertifikati għas-suċċessi li kiseb. F'dan il-perijodu, x-xogħol li kien għal qalbu ħafna, kien it-tpinġija esegwita bit-teknika tal-"watercolour". Suġġett ieħor għal qalbu kien veduti u pajjesaġġi. Ħafna kollezzjonisti ta' l-arti f'pajjiżna kienu jfittxu xogħol tal-'watercolour" tal-Pittur Tuse'.

Fl-eta' żgħażugħa ta' 23 sena kien ġie mqabbad biex ipitter is-saqaf tal-knisja ta' Sannat. Hawn il-pittur għamel sett kwadri li jirrapreżentaw episodji mill-ħajja u l-martirju ta' Santa Margerita V.M. Fl-istess saqaf pitter ukoll 12-il Appostlu madwar il-knisja kollha. Il-pittura tal-koppla majestusa u tal-lunetti ta' taħtha saru wkoll mill-istess pittur Tuse' Busutiil. Il-koppla tirrapreżenta s-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu u l-erba' lunetti jirrappreżentaw erba' Santi Padri tal-Knisja.

Ta' min jgħid li x-xogħol kollu li l-pittur Tuse' Busuttil ħadem gewwa l-parroċċa ta' Sannat, dan l-aħħar ġie restawrat b'sodisfazzjon ta' kulħadd mill-pittur bravu Paul Camilleri Cauchi li reġa ta l-ħajja lil din l-opra ta' arti li hija l-uniku xogħol ta' Tuse' Busuttil fil-gżira ta' Għawdex.

Barra x-xogħol għall-knisja ta' Sannat, il-pittur Busuttil ħallielna bosta xogħolijiet oħra, fosthom fil-knisja parrokkjali ta' raħal twelidu ż-Żejtun. Ħadem bosta disinni għal trieħi, vent artal u ħwejjeġ oħra li llum iżejnu il-knisja taż-Żejtun. Għal-Tuse' Busuttil ir-Raħal ta' Sannat kien l-ewwel post fejn ħalla l-ewwel xogħol artistiku tiegħu.

Dan il-pittur miet nhar is-6 ta' Jannar 1994 u jinsab midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiteru ta' l-Addolorata.



*Il-Pittur Tuse' Busuttil flimkien mal-Pittur Camilleri Cauchi.*